**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 7 ta' Dicembru, 2016

Rikors Nru : 412/16 AL

**AB**
**Vs**
**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettiet:

1. Illi l-partijiet izzewgu nhar il-erbgha t'Ottubru tas-sena elf, disa' mija u sitta` u disghin (04.10.1996);

2. Illi miz-zwieg taghhom twieldu zewg ulied, X li twieldet nhar it-tnejn t'Ottubru tas-sena elf, disa' mija u disgha u disghin (02.10.1999) u Y li twieldet nhar id-disgha u ghoxrin ta' Gunju tas-sena elfejn u sitta` (29.06.2006);

3. Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Sharon Faith Farrugia, datat erbgha t'Awwissu tas-sena elfejn u ghaxra (04.08.2010) (Dok A);

4. Illi fl-imsemmi kuntratt, il-partijiet irrinunzjaw ghal kull dritt li jircievu manteniment minghand xulxin; filwaqt li huma ftehmu dwar il-manteniment li r-Ragel ghandu jhallas ghall-bzonnijiet

tal-ulied mensilment; liema manteniment dejjem thallas minghajr ebda problemi;

5. Illi m'hemm l-ebda prospett raggonevoli ta' rikonciljazzjoni, anke l-ghaliex, illum il-gurnata z-zewg partijiet ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet rikjesti mil-ligi ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien li l-istess Onorabbli Qorti joghgobha timponi huwa jinforma lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet u bit-tibdil fil-kunjom tal-esponenti, sabiex dan tal-ahhar jirregistra l-istess fic-certifikat taz-zwieg tal-partijiet;

U dana taht kull provvediment iehor li l-istess jidhrilha li hu xieraq u opportun;

Rat ir-risposta illi giet ikkonfermbata bil-gurament mill-intimat, li permezz taghha iddikjara :

Illi l-esponenti gie nnotifikat bl-atti tar-rikors fl-ismijiet premessi;

Illi l-esponenti jirrileva li ma ghandu l-ebda oggezzjoni ghal dina t-talba;

Illi l-kundizjzonijiet tal-kuntratt tas-separazzjoni ma jistghux jigu varjati hekk kif jidher mill-att ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Sharon Faith Farrugia, datat erbgha (4) ta' Awissu elfejn u ghaxra (2010) liema kuntratt gie pprezentat mar-rikors promotur;

Illi ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi l-esponenti jitlob lil dina il-Qorti illi huwa ma jbaghtix l-ispejjez ta' dawna il-proceduri;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-4 ta' Awissu 2010;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Illi ir-rikorrenti talbet ukoll sabiex tigi awtorizzata tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' Abela. Il-Qorti tilqa din it-talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jiehu l-passi kollha f'dan ir-rigward;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.